**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Neville Mercieca)**

**vs**

**Alarico Tambone**

**Illum 7 ta' Novembru 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Alarico Tambone** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru **80780A** billi huwa akkuzat talli ghall-habta tal-04:40 ta' filghodu nhar is-7 ta' Novembru 2015 fi Triq ix-Xatt ta tax-Xbiex, Msida;

1. Saq jew ipprova jsuq jew kellu l-kontroll ta' vettura bil-mutur u cioe Fiat Panda bin-numru tar-registrazjoni JAN 500 jew vettura ohra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku iehor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

2. Saq, ipprova jsuq jew kien fil-kontroll ta' vettura bil-mutur u cioe Fiat Panda bin-numru tar-registrazjoni JAN 500 fit-triq jew f 'post pubbliku iehor wara li kien ikkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt;

3. Saq vettura bil-mutur u cioe Fiat Panda bin-numru tar-registrazjoni JAN 500 b'nuqqas ta' kont , bi traskuragni u b'mod perikoluz;

4. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaġuna xi hsara jew hassar jew gharraq f'vettura ta' ghamla Ford Focus bin-numru tar-registrazjoni GVP 581 ghad-dannu tal-korp tal-pulizija ta Malta u/jew persuni ohra;

5. Bhala ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku, ghamel reat li kellu d-dmir li jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi li jsir.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija, Alarico Tambone jkollu l-licenza tieghu tas-sewqan revokata jew sospiza ghal-dak iz-zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

**Ikkunsidrat:**

Rat li matul l-istess ezami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu Dr. Martin Fenech tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tieghu huwa kien ser jigi misjub hati u l-Qorti tghaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Ligi li tista tkun wahda ta' prigunerija jew xi piena ohra stabbilita bil-Ligi. Wara li

taghtu ftit taż-żmien sabiex jiddeciedi jekk hux sejjer jerga lura mill-ammissjoni registrata minnu, fil-presenza tal- konsulent legali tieghu u wara li kkonferixxa maghhom, l-imputat wiegeb li huwa inkondizzjonatament hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' htija inkondizzjonata imtennija m'ghandhiex alternattiva ghajr hlief li ssib lill-imputat hati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali netta tieghu. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-koperazzjoni shiha tal-imputat mal-Pulizija, u l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

L-imputat skuza ruhu ghal dak li kien sehh u qal li hu se jhallas ghad-danni li kkaguna.

Il-Qorti twissi li t-toroq taghna ghandhom ikunu hielsa mill-periklu, u min jixrob xorb alkoholiku li jaqbez il-limitu jkun irresponsabbli kemm li mhux ihares sahhtu izda ukoll qieghed jikkaguna dannu ghas-socjeta'.

**Decide**

Il-Qorti wara li rat Artikoli 15A(1), 15B(1) u 15(1)(a) tal-Kap 65 u Art 328(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrieh u tikkundannah multa komplessiva ta' elf u hames mitt ewro mula (€1,500) u tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum f'nofs il-lejl u minuta.

Il-Qorti tordna ukoll lill-hati jhallas lill-Pulizija ta' Malta elf, disa' mija u tnejn u hamsin ewro (€1,952) ghad-danni kkagunati fuq il-vettura taghhom u dan fi zmien sitt xhur millum.

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**

______________________
Margaret De Battista
Deputat Registratur